MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 388/2009

Bartolomeo **CARUANA**

vs

**TIARA COMPANY LIMITED;** Christine Caroline Bharwani; u żewġha Michael Bharwani

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-22 ta' April, 2009 li bih ir-rikorrent, għar-raġunijiet hemm imfissra, talab a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa' 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b)li l-Qorti tikkundanna lill-imħarrkin, solidalment bejniethom, biex iħalsu lill-attur is-somma ta' tlieta u għoxrin elf, mitejn u tnejn u disgħin

euro (€23,292) li tirrappreżenta parti mill-ammont bilanċjali minnhom lilu dovuti, kif rappreżentati fl-import ta’ żewġ *cheques* maħruġa favurih iżda li baqgħu ma ġewx onorati u talab ukoll il-ħlas ta’ l-imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-intimati li naqsu li jidhru meta ssejħet il-kawża, u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet l-Avukat ta’ l-attur waqt is-smigħ tal-lum jikkonferma li l-bilanċ mitlub ma tħallas xejn minnu;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja ta’ l-intimati tiddeċiedi billi:

**Tilqa’ L-ewwel talba ta’ l-attur** u taqta’ l-kawża mingħajr is-smigħ;

**Tilqa’ t-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom, biex iħalsu lill-attur is-somma ta’ €23,292 kif fuq ingħad rappreżentanti l-bilanċ ta’ kreditu akbar u import ta’ *cheques* mhux onorati, flimkien ma’ l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b’seħħ mid-data tal-ħruġ ta’ kull wieħed mill-imsemmija *cheques* (jiġifieri mill-20 ta’ Marzu, 2009 u l-20 ta’ April, 2009, rispettivament)

**Tikkundanna** lill-imħarrkin iħalsu **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------